QALA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

Il-Gimgha 12 ta' Jannar 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti.

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresedja l-laqgha.

## 29.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

29.1.1 Ma kien hemm ebda ittri tal-apologiji.

## 29.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

29.2.1 Peress li l-minuti tas-sebgha u ghoxrin u tat-tmienja u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew kkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 29.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

29.3.1 Is-Sindku ara c-cirkulari dwar donazzjonijiet li kienet giet mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Ghal din il-parti tal-laqgha mill-pubbliku attenda Jonathan Bajada. Jonathan Bajada semma li s-Sindku kien qallu sabiex jipprocedi bl-organizzazzjoni tat-tigrija taz-zwiemel li saret f'Awwissu 2017. Is-Sindku semma li hu ma qalx hekk. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li Jonathan Bajada ghandu jithallas ta' xi spejjes li ntefqu sabiex issir din it-tigrija.

29.3.2 Is-Sindku ssuggerixxa li d-dati tal-*Qala International Folk Festival* ghandhom ikunu 21, 22 u 23 ta' Settembru 2018. Il-Kunsill qabel ma dan. Huwa semma wkoll li talab stima lil band D Capital sabiex jigu jaghtu kuncert is-Sibt 22 ta' Settembru li jammonta ghal €800 Vat inkluz. Il-Kunsill qabel ma din l-istima.

29.3.3 Is-Sindku semma li ltaqgha mieghu ta' Karkanja li huwa l-applikant ghall-*apartments* li ser jibnu fil-wied tal-marga. Huwa semma li ghamlu xi toqob izda ma setghux isibu l-qieh. Ta' Karkanja qallu li sabiex jinbnew l-*apartments* fuq il-*piles* dan m'ghadux vjabbli u ghalhekk ser terga jsir applikazzjoni ohra. Il-Kunsill jaqbel li dawn l-*apartments* ghandhom isiru fuq il-*piles* kif kien hemm fil-permess originali.

29.3.4 Is-Sindku semma li l-latrina pubblika tal-bajja ta' Hondoq ir-Rummien qedha tinfetah fil-festi pubblici fix-xitwa mill-haddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* u ghalhekk il-Kunsill qed ihallas lil din il-fondazzjoni sabiex ikunu jistghu jithallsu dawn il-haddiema.

29.3.5 Giet ippreparata applikazzjoni ghar-*Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2017* tal-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jinghataw fondi ghal Fortizza ta' Sant Antnin.

29.3.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Darlene Inguanez fejn intbghatu kopja tal-*invoices* dwar l-ispejjes tat-trasport ghal *Qala International Folk Festival* 2017 kif ukoll rapport *draft* tad-dhul u l-infiq.

29.3.7 Giet trattata din il-korrispondenza:

QALA

29.3.8 Digriet mibghut minn Martin Saliba, Simon Micallef Stafrace u Robert Sarsero mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Joseph Cassar kontra l-Awtorita` tal-Ippjanar. Appell 222/16MS.

29.3.9 Kopja ta' ittra li l-Avukat Carmelo Galea bghat lit-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar PAB 155/17 PA 579/16 sit f'Hondoq ir-Rummien *to change use from store to souvenir shop class 4B and carry out additions and alterations*.

29.3.10 Ittra mibghuta minn Rueben Said *Head* fit-*Transport Malta* (Ghawdex) dwar talba ghal *double yellow lines* quddiem *garage* fi Triq Wied Simar li giet approvata.

29.3.11 Gew mibghuta zewg ittri minghand Rueben Said *Head* fit-Transport Malta (Ghawdex) fejn talab il-kummenti tal-Kunsill ghal zewg talbiet. Talba minnhom hija sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq il-Hotba. Il-Kunsill iddecida li m'hemmx bzonn li jsiru *double yellow lines* f'sit inkwistjoni. Dwar it-talba sabiex tigi traferita *bus stop* minn Triq il-Qala ghal Pjazza Repubblika, il-Kunsill ma qabilx li ghandu jsir dan.

29.3.12 Gew trattati zewg rapporti li gew ippreparati mill-Inginier Matthew Cauchi li kienu gew mitluba mill-Awtorita` ghas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol fl-ittri taghhom tas-7 u l-21 t'Awwissu 2017. Rapport dwar *inspection and certification of grass/brush cutter* u r-rapport l-iehor dwar *risk assessment for operation of grass/brush cutter*. Is-Sindku semma li huwa qabbad lil xi hadd minn naha tieghu fejn ippreparalu dawn it-tip ta' rapporti wkoll.

29.3.13 Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, Ii jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill. Dan ghas-sena finanzjarja 2017.

29.3.14 Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li cemplet l-Avukat Tatiane Scicluna Cassar mill-Ministeru ghal Ghawdex dwar hlasijiet ta' servizzi mid-Dipartiment tal-Agrikultura lill-Kunsill. Fl-laqgha tal-Kunsill kien gie deciz li parti mill-kontijiet msemmija f'din l-ittra ma jithallsux peress li x-xoghol kien sar mill-Kunsill u mhux mid-Dipartiment tal-Agrikultura. Is-Sindku semma li ser jiehu ftit hsieb dwar din il-materja.

29.3.15 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-28 ta' Ottubru 2017 sal-31 ta' Dicembru 2017 u mill-1 ta' Jannar sat-12 ta' Jannar 2018 minn referenza numru 201/17 sa referenza numru 217/17 u minn referenza numru 1/18 sa referenza numru 12/18 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 87/17 sa referenza numru 98/17 u referenza numru 1/18(registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 29.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilleri.

29.4.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg ssuggerixxa li ghandu jsir il-manutenzjoni mehtieg fi 'Gnien il-Familja' bhal zebgha ecc. u li huwa kien ressaq dan is-suggeriment kemm il-darba. Is-Sindku semma li ser jqabbad il-haddiema li huma assenjati mal-Kunsill sabiex isiru l-manutenzjonijiet mehtiega. Is-Sindku semma li l-*gazebo* li hemm fil-*sports recreation park* trangat temporanjament minn Vincent Magrin. Huwa semma li ser issirilha l-*base* kif suppost sabiex ma tergax titghawweg.

## 29.5 Karnival 2018.

29.5.1 Is-Sindku semma li l-Karnival fil-lokalita` tal-Qala ser isir il-gurnata tal-Gimgha tal-Karnival bhas-soltu u li din is-sena ser jahbat id-9 ta' Frar 2018. Huwa semma li l-grupp l-kbir taz-zfin tal-Ghaqda Dillettanti tal-Karnival mhux ser jaghmlu zfin fil-Karnival din is-sena. Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li rceviet xi sitt *emails* ta' kumpaniji taz-zfin tal-Karnival u li taghthom risposta sabiex jippartecipaw fil-Karnival tal-Qala.

## 29.6 Ftehim bejn il-Ministeru ghal Ghawdex u l-Kunsill Lokali Qala dwar ghoti ta' flus ghal xoghol ta' *surfacing* ta' parti minn Triq ta' Kassja u Triq gdida fi Triq il-Mithna.

29.6.1 Is-Sindku semma li fil-gimgha ta' qabel il-Milied huwa gie nformat mill-Ministeru ghal Ghawdex li l-Kunsilli Lokali ser jinghata xi flus mill-istess Ministeru sabiex isir xi *surfacing* ta' xi toroq. Huwa semma li huwa ppropona parti minn Triq ta' Kassja u Triq gdida fi Triq il-Mithna u ghalhekk sar ftehim bejn il-Ministeru ghal Ghawdex u l-Kunsill Lokali sabiex isiru dawn iz-zewg toroq. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ghalkemm jaqbel ma dan il-ftehim, tajjeb li x'hin jigru affarijiet bhal dawn il-membri tal-Kunsill ikunu nformati b'dak li ser isir mhux isir jaf mill-*media* kif gara f'dan il-kaz jew inkella minghand in-nies. Is-Sindku semma li dan kollox sar f'daqqa. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li jifhem dan izda imqar inbghatet *email* halli kulhadd kien ikun informat. Gew trattati dawn iz-zewg ftehim.

## 29.7 L-ahhar zviluppi dwar il-kontijiet fuq ix-xoghol ta' thammil li kien sar fil-grawnd tal-futbal.

29.7.1 Il-Kunsill ircieva ittra mibghuta mill-Avukat Carmelo Galea fejn kiteb f'isem Peter Paul Said ta' 'Mayflower', Triq l-Isqof M.F. Buttigieg, Nadur fejn interpella lill-Kunsill sabiex fi zmien gimgha mid-data tal-ittra l-Kunsill ihallas s-somma ta' €20,352 dovuta lilu ghal xoghol ta' tahmil b'*excavator* mekkanika kbira u garr ta' materjal li sar fuq ordni tal-Kunsill fil-*football pitch* tal-Qala. Din l-ittra giet mghoddija lill-Avukata tal-Kunsill Renata Formosa fejn din f'isem il-Kunsill bghatet ittra bhala risposta fejn semmiet li l-Kunsill qed jichad li huwa dovut l-ammont indikat minnu peress li l-ftehim kien mod iehor. Il-ftehim li kien sar qabel ma nghata bidu ghax-xoghol kien ghas-somma ta' €4,000 u li wara l-Kunsill ircieva l-kont ta' Peter Paul Said il-Kunsill iddiskuta u qabel li ghandu jhallas is-somma ta' €4,900. Is-Sindku semma li jekk dan il-kaz jispicca l-qorti hu lest li jitla` u li jqabbad Avukat iehor tal-fiducja tieghu minn Malta bhal ma sar fil-passat ghal kaz tal-propost progett ta' Hondoq. Il-Kunsill iddiskuta li l-hlas ghal dan is-servizz jista` jkun gholi. Is-Sindku semma li huwa ser jara lil minn u li ser jitlob stima u jinforma lill-Kunsill.

## 29.8 Kontijiet tad-dawl u tal-ilma ta' 'Gnien il-Familja'.

29.8.1 Is-Sindku semma li gew mibghuta r-rapporti tal-konsum tad-dawl ta' 'Gnien il-Familja' li gew ippreparati mill-Inginier Francarl Galea, lil Paul Michael Debattista li huwa l-persuna li ghandu l-*clubhouse* f'dan l-istess gnien. Gie diskuss li qabel il-percentagg tal-hlas tal-konsum tad-dawl kien jigi bejn wiehed u iehor kwazi nofs il-Kunsill u nofs s-Sur Debattista. Is-Sindku semma li l-ahhar rapport gie kwazi 75% il-Kunsill u 25% is-Sur Debattista li ma jistax jkun peress li l-Kunsill kull m' ghandu huma l-fanali tal-gnien, li jixghelu bil-lejl. Gie diskuss ukoll li l-*floodlights* m'ghadhomx jahdmu u ghalhekk il-percentagg li jrid ihallas il-Kunsill suppost naqqas mhux zdid. Is-Sindku semma li gew mehuda r-*readings* f'diversi hinijiet tal-gurnata meta l-fanali ma kienux mixghula u gie mqabbad l-Inginier sabiex jirranga r-rapporti skond dawn ir-*readings*.

QALA

Huwa semma wkoll li giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Paul Michael Debattista fejn gie nformat sabiex jattendi laqgha fejn jigi spejgat lilu mill-Inginier Francarl Galea r-rapporti li gew ippreparati. Is-Sindku semma li huwa qed jinforma lill-Kunsill b'dan halli jekk fil-kaz jinqata` d-dawl mill-ARMS minhabba din il-kwistjoni l-Kunsill kollu jkun jaf ir-raguni ghaliex. Is-Sindku semma li sar ftehim bejn il-Kunsill u Paul Michael Debattista, li l-ispejjes tas-servizz tal-ilma, kemm il-kera kif ukoll il-konsum, ser jibda jithallas kollu minn Paul Michael Debattista.

## 29.9 Gemellagg ma Canale Monterano.

29.9.1 Giet moqrija l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand is-Sindku Dott. Alessandro Bettarelli ta' Canale Monterano dwar il-gemellagg u l-possibilita` li jsir l-iffirmar. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa ser jiehu hsieb li jikkuntatja lil xi hadd minn tal-MEUSAC dwar applikazzjoni ghal fondi sabiex isir dan l-iffirmar.

## 29.10 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

29.10.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet b'referenzi SP 2/2017, SP 3/2017 u SP 4/2017. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghall-hlasijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 29.11 Mozzjonijiet.

29.11.1 Ma kien hemm ebda mozzjonijiet.

## 29.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

29.12.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija.

Ikkonfermati illum it-Tlieta 27 ta' Marzu 2018.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg<br>Sindku | Marcia Borg<br>Segretarju Ezekuttiv |